**Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, l-Onor. Lawrence Gonzi ressaq din l-Emenda:-**

Fl-ewwel paragrafu li jiġi wara l-kliem "Din il-Kamra tar-Rappreżentanti:", ħassar il-kliem "mit-taqsima tad-droga tal-Pulizija";

Fit-tieni paragrafu ħassar il-kliem "liema kariga timplika funzjonijiet ewlenin fi ħdan l-operat tal-Ministeru tal-Ġustizzja";

Ħassar l-aħħar erba' paragrafi li jibdew bil-kliem "Tikkundanna lill …" u ssostitwihom b'dan li ġej:

"Tikkundanna lill-Oppożizzjoni għan-nuqqas ta' serjeta' li għal darb' oħra wriet fil-kwestjoni tar-riżenja offruta mill-Ministru tal-Ġustizzja, liema riżenja ma ġietx aċċettata mill-Prim Ministru għaliex ma hemm ebda konnessjoni bejn dak li ġie mixli bih l-uffiċjal konċernat u l-funzjonijiet li kien qed jeżerċita l-istess uffiċjal fil-Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali;

Terġa' tafferma l-fiduċja sħiħa tagħha fil-Prim Ministru u fil-Ministru tal-Ġustizzja.".

L-emenda għaddiet.

Il-mozzjoni, kif emendata, għaddiet.